# Ir-rapport ta' l-eżaminatur ewlieni ta' l-Istudji Soċjali - Eżami ta' l-Istudji Soċjali - Dħul fil-*Junior Lyceum* 2001

## Kumment Ġenerali

Għall-ewwel darba din is-sena, il-karta ta' l-eżami kienet modifikata biex studenti b'arranġamenti speċjali jkunu f'qagħda aħjar biex ikunu jistgħu jaħdmuha b'inqas żvantaġġi mill-maġġoranza tat-tfal l-oħra. B'hekk, din il-karta kienet imfassla u mitbugħa fuq il-linji inklussivi indikati mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Din it-tibdila jidher li mxiet lixxa ħafna u ċertament ma naqqset xejn mill-validita` u mill-istandard ta' dan l-eżami.

Wara ħarsa ġenerali lejn il-karti kollha wieħed għandu jirrimarka li l-kwalita` ta' l-ortografija ta' l-Ilsien Malti u l-kaligrafija, minn sena għal sena, qed jeħżienu flok jitjiebu u ta' min jara kif din il-problema tkun indirizzata fid–dawl tat-twettiq tal-kurrikulu minimu nazzjonali ġdid.

L-iskor tal-marki, bħala medja, kien għoli ħafna. Dan jista' jkun seħħ jew għax il-karta kienet ftit jew wisq ħafifa jew għax il-format tal-karta issa beda jindara u l-għalliema qegħdin jgħallmu għall-eżami u jista' jkun ukoll li hemm titjib fit-tagħlim. Ta' min, ukoll, jara li l-istudenti ma jagħtux tweġibiet xotti xotti, bosta drabi permezz ta' kelma waħda biss. Żgur li hemm spazju biex f'xi parti mill-karta jerġa' jkun hemm xi tip ta' kitba ta' ċerta tul.

**Mistoqsija A** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT UMAN

Ġeneralment l-istudenti marru tajjeb iżda ta' min jixtarr għaliex il-maġġoranza tat-tweġibiet għal numru 2 indikaw li "Re jista' jkun kap tar-Repubblika flok President". Jidher ukoll li għadd ġmielu ta' studenti jaqraw biss parti mis-sentenza u għalhekk ġieli jiġri li jifhmu bil-maqlub li jkunu mitluba jagħmlu. Ngħidu aħna, jekk f'numru 3, wieħed jaqra biss "Jien għandi dritt nilgħab..", jaħseb li hija tajba, iżda meta wieħed jaqraha kollha "Jien għandi dritt nilgħab u ma jimpurtanix mill-oħrajn" l-istudent suppost jintebaħ li m'hi tajba xejn. Għalhekk, ikun sewwa li l-istudenti, f'kull eżerċizzju speċjalment f'eżami, dejjem jaqraw s-sentenzi kollha u sħaħ mill-inqas darbtejn. Fin-numru 4, ħafna studenti urew li ma fehmux xi tfisser il-frażi edukazzjoni TERZJARJA.

**Mistoqsija B** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT STORIKU

X'aktarx kien f'mistoqsija B2 li tfixklu l-aktar l-istudenti: Spiss tfal ta' din l-eta` joħorġu b'anakroniżmi li jfixklu perijodu storiku ma' ieħor u, fil-każ ta' B2, ħafna dehrilhom li armi bħal "kanuni, xkubetti u pistoli" setgħu kienu f'idejn in-nies tan-Neolitiku. Għadd sostanzjali ta' studenti jidher li ma qrawx sewwa l-istruzzjonijiet u, għaldaqstant, fl-għażla għamlu sing wieħed (f'xi każi anki tlieta) flok tnejn. B'hekk, minħabba nuqqas ta' attenzjoni, intilfu l-marki.

**Mistoqsija Ċ** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT UMAN
X'aktarx dan kien l-aktar eżerċizzju li fixkel lill-istudenti: dan kien eżerċizzju ta' fehma u jekk l-istudenti ma jkunux jafu t-tifsira tat-tliet kelmiet jew frażijiet ewlenin, l-eżerċizzju ma jkunx jista' jinħadem sewwa. Hekk ġara f'ħafna u ħafna każi. Bosta tfal ma rnexxilhomx iwieġbu tajjeb: ħafna dehru li ma jafux it-tifsira ta' artiġjanat u ħafna oħrajn ħawdu 'servizz bi ħlas' ma' dak 'volontarju'.

**Mistoqsija D** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT ĠEOGRAFIKU
Jidher li issa l-maġġoranza tat-tfal assimilaw tajjeb il-ħiliet li jitolbu l-interpretazzjoni ta' mappi. L-istudenti jidher li sabu ta' għajnuna kbira mill-fatt li l-mappa mogħtija kienet kbira biżżejjed u stampata tajjeb ħafna. Xi żbalji komuni kien hemm: għadd ta' studenti ma għarfux id-differenza fil-qagħda tal-Belt Valletta (numru 5 fil-mappa) u dik ta' Bormla (numru 1 fil-mappa). Ukoll, mhux kulħadd għaraf in-numru 2 fuq il-mappa li tirrapreżenta lil Ħal Luqa.

**Mistoqsija E** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT STORIKU
B'mod ġenerali, din il-mistoqsija ma dehritx mistoqsija diffiċli: biss bosta kienu dawk li għal E2 għalkemm urew li kienu jafu jwieġbu Re Ġorġ, imbagħad ma kinux jafu jispeċifikawh bħala Re Ġorġ VI. Dan, forsi, għax kien hemm id-diffikulta` biex l-istudenti jiftakru n-numru ruman VI. Kien hemm ukoll numru sewwa ta' studenti li ma kinux jafu jindikaw lil Sir Anthony Mamo bħala l-ewwel President ta' Malta Repubblika. Jidher li s'issa, bosta studenti x'aktarx għadhom ma jagħrfux bejn il-kariga ta' President u dik ta' Prim Ministru u saħansitra dik ta' Ministru .

**Mistoqsija F** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT UMAN
Ftit deher li l-istudenti sabu problemi biex jinħadem dan l-eżerċizzju, Iżda xi ftit qalbu F2 ma' F5 u kitbu 'twemmin nisranija' u 'reliġjon reliġjuż'. Min-naħa l-oħra jidher li l-maġġoranza ta' l-istudenti jafu t-tifsira tal-kelma 'valuri', għalkemm xorta kien hemm xi wħud li tfixklu bejn il-kelma 'valuri u l-kelma 'għaqda'.

**Mistoqsija Ġ** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT ĠEOGRAFIKU
Jidher li ħafna studenti sabu dan l-eżerċizzju ħafif ħafna, iżda tajjeb li naraw għaliex fadal studenti, li minkejja l-ħeffa ta' kitba bħal din, juru li xorta għadhom ma kisbux il-ħiliet bażiċi tal-ġeografija (f'dan il-każ, prinċipji ta' meteoroloġija): kien hemm għexieren ta' studenti li ma kinux jafu li fit-termometru ma jistax ikun hemm ilma; oħrajn jidhrilhom li bis-sħana, il-merkurju fit-termometru jinżel u bil-kesħa jitla'.

**Mistoqsija G** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT UMAN
Bosta wieġbu tajjeb ħafna u spiss rajna tifsiriet tassew dettaljati. Biss għad fadal ħafna li jsibuha diffiċli ferm biex jassimilaw ħames dati storiċi ta' festi nazzjonali, speċjalment biex ma jħawwdux waħda ma' l-oħra jew ma' festi reliġjużi ewlenin. Hawn ukoll, bħal ma rajna f'eżerċizzju B, bosta studenti jħawwdu biċċa minn ġrajja storika ma biċċa oħra: ngħidu aħna, kien hemm min ħaseb li fis-7 ta' Ġunju 1919 kienu l-okkupanti franċiżi li qatlu 'l-erba' patrijotti Maltin. Xi oħrajn urew li mingħalihom li l-konvoj ta' Santa Marija kien daħal fil-Port il-Kbir nhar it-8 ta' Settembru.

**Mistoqsija GĦ** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

AMBJENT STORIKU
Ġeneralment inwieġba tajjeb, ħlief għal-taqsima 5, fejn bosta studenti prattikament taw l-istess tweġiba għal 5a u 5b (5a dwar il-qagħda ta' Malta wara l-Assedju l-Kbir u f'5b għaliex La Vallette ħaseb li jibni belt ġdida.). F'din l-aħħar parti ta' dan l-eżerċizzju, ħafna studenti urew li ftit jafu jagħtu interpretazzjoni skond ħsibijiethom jew jafu jkunu immaġinattivi f'kitbiethom: f'ħafna każi, it-tweġibiet kienu vagi żżejjed jew xotti żżejjed. Mill-ġdid, ukoll, l-eżaminaturi sabu ħafna eżempji ta' anakroniżmi.

**Mistoqsija H** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT ĠEOGRAFIKU
Bosta studenti urew li għandhom tagħrif ġeografiku tajjeb u għalhekk kienu kapaċi jwieġbu. Kien hemm, Iżda, xi wħud li fil-*matrix* ta' paġna 9 qallbu l-ismijiet ta' l-ibliet kapitali ma' l-ismijiet tal-pajjiżi. Li wieħed jaqra u jaħdem *matrix* tajjeb hija ħila oħra ġeografika li l-istudenti għandhom ikunu jafu sewwa. Xi ftit oħra tifxklu bl-ibliet 'żejda' li tpoġġew apposta fuq il-mappa. Ovvjament dawn tpoġġew bi ħsieb u l-istudenti ta' din l-eta' jinħtieġu jitgħallmu jiksbu ħiliet f'kuntest ta' sitwazzjonijiet mhux dejjem sempliċi ħafna jew li ma joffru l-ebda sfida.

**Mistoqsija Ħ** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT UMAN
Kif semmejna qabel, ħafna studenti għandhom id-drawwa li jwieġbu kemm jista' jkun ***fil-qosor***; għal ħafna, ***kelma*** waħda aħjar minn frażi jew sentenza. F'dawn il-każi, bosta drabi jiġri li b'kelma waħda iżolata mill-kuntest l-istudenti ma jirnexxilhomx iwasslu tweġiba tajba. Dan l-eżerċizzju kien jitlob ukoll ċerta ħila ta' ħsieb: mill-ġdid, bosta studenti kienu fqar ħafna bi tweġibiet xotti, vagi u ripetittivi. Min-naħa l-oħra kien hemm għadd ġmielu ta' tweġibiet tajba ħafna iżda li ċertament, l-aktar fil-parti 'b', mimlija esaġerazzjonijiet, bi dmija ma' kullimkien, tfal imsawtin kull fejn tara u ħwejjeġ koroh oħra: jiġifieri l-estrem l-ieħor fejn l-istudenti jħallu l-immaġinazzjoni tiġri wisq bihom.

**Mistoqsija I** Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

L-AMBJENT ĠEOGRAFIKU
F'din il-mistoqsija ġara l-istess bħal fil-mistoqsija ta' qabel: tweġibiet xotti wisq spiss, mill-ġdid kelma waħda. L-istudenti għandhom ikunu mħeġġin jippruvaw jiktbu aktar fit-tul speċjalment meta l-mistoqsija tkun ġġorr magħha aktar minn marka waħda. Kien hemm ukoll xi studenti li fehmu li jridu jwieġbu l-mistoqsijiet billi jisiltu t-weġibiet milli jaraw BISS fl-istampa (xena tal-biedja), meta l-istampa setgħet biss tagħti ħjiel żgħir ta' dak li setgħu jwieġbu l-istudenti: dan jispjega l-ħafna riferenzi li nstabu fit-tweġibiet mogħtija għall-ilma, għall-ħitan tas-sejjieħ u għall-bajtar tax-xewk. Min-naħa l-oħra, kien ta' sodisfazzjon kbir għall-eżaminaturi, il-fatt li rajna għadd ta' tweġibiet tajbin ħafna li jirreferu għall-biedja organika bħala soluzzjoni ambjentali fl-agrikultura.